MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 84/2005

**Teddy Zammit**

**vs**

**Lavinia Maria Muscat**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li ghid hekk:

“Tikkundanna lill-konvenuta Lavinia Maria Muscat thallas is-somma ta’ tlett mija hamsa u disghin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm395.47) dovuti bhala danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fit-tlieta (3) ta’ Mejju 2005 bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAF 083 appartenenti u misjuqa mill-attur u l-vettura ABH 682 appartenenti lil Eneas Muscat u misjuqa mill-konvenuta Lavinia Maria Muscat, u liema incident inti L avinia Maria Muscat kont unikament responsabbli minhabba imperizji, sewqan

eccessiv, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-mghaxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuta fil-21 ta’ Gunju 2005 (Dok A) u ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma’ dan l-avviz lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“ Billi ghall-incident mertu tal-kawza jahti unikament l-attur.

Bl-ispejjes.”

Ra li l-avviz tat-talba gie pprezentat fit-28 ta’ Settembru 2005

Ikkunsidra

Illi f’materja li tinvolvi t-traffiku il-kompetenza giet addossata lill-arbitri mahtura skond id-disposizzjonijiet ta’ Kapitlu 387 b’mod li salv certi eccezzjonijiet stipulati fil-ligi, kwalunkwe tilwima fir-rigward ma tistax tigi iktar sottomessa ghal statuwizzjoni mill-Qrati Ordinarji, u l-anqas mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, imma trid tittiehed tabilfors quddiem arbitru li jkun jew mahtur bi qbil mill-partijiet jew fin-nuqqas impost fuqhom mic-Centru Malti tal-Arbitragg. Dan it-trasferiment ta’ kompetenza sehh permezz ta’ tlett avvizi legali mahrugin that Kap 387. Avviz Legali 3/2004 issottometta ghall-arbitragg tilwimiet stradali tal-valur bejn LM1,500 sa LM5,000 – li allura kienu ta’ kompetenza tal-Qrati Inferjuri – b’effett mill-29 ta’ Settembru 2004. Permezz ta’ Avviz Legali 7/2005 gew trasferiti ghas-sistema ta’ arbitragg it-tilwimiet ta’ bejn LM500 u LM1,500 – li allura kienu fil-kompetenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar – b’effett mis-17 ta’ Jannar 2005. Fl-ahharnett permezz tal-Avviz Legali 279/2005 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern b’effett mill-1 t’Awwissu 2005 it-tilwimiet kollha li jinvolvu t-traffiku sal-valur massimu ta’ LM5,000 gew assoggettati ghall-arbitragg.

Billi l-avviz tat-talba li ta' inizju ghal din il-kawza gie pprezentat fit-28 ta' Settembru 2005, u cioe' wara li gie fis-sehh l-A.L. 279/2005, dan il-procediment huwa irritu u null ghax qieghed isir quddiem tribunal li gie svestit mill-kompetenza precedenti tieghu li jisma'u jiddeciedi fuq tilwimiet ta' din il-materja.

Dan it-Tribunal qieghed iqanqal in-nuqqas ta' kompetenza tieghu *ex officio* ghax il-kompetenza hija ta' ordni pubbliku u t-Tribunal ma jistax jaddossa kompetenza li ma hix tieghu l-anqas bil-kunsens jew akkwijixxenza tal-partijiet. Tant hu hekk illi l-Qrati Ordinarji huma marbutin li jqanqlu huma stess in-nuqqas ta' kompetenza taghhom *rationae materiae* jew *rationae valoris* (Artiklu 774(b) Kap 12). Ghalkemm dan it-Tribunal mhux Qorti, u mhux marbut bir-regoli ta' Kap 12 ghajr hlief fejn il-legislatur iddikjara li huma applikabbli ghalih, ihoss li din hija regola li tohrog mill-principji fundamentali tad-dritt processwali u b'mod partikolari li l-ebda gudikant m'ghandu jmur oltre l-poteri gurisdizzjonali lilu konferiti mil-legislatur.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara n-nuqqas ta' kompetenza tieghu *rationae materiae* u jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz. Fic-cirkostanzi, spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------